# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Pulizija**

**(Spettur Diane Vella )**

**Vs**

**Davinia Camilleri**

**Illum, 7 ta April, 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Davinia Camilleri bint Godfrey u Antonia nee Farrugia imwieled fil-06/07/1988 u joqghod 17, Madonna tal-Gilju, Triq Santa Katerina, Mqabba. ID 331388M.

Billi int akkuzat talli fit-29 t'April, 2023 ghall-habta ta' 01.46 hrs fil-parkegg tal-Aerodrome Park 9, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Luqa soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni MIA006;

1. U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkugunajt offiza gravi fuq il-persuna ta' Renzo Pollacco bil-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta skond kif ccertifika Dr. Michael Sullivan MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu226(1)(a) tal-Kap 9 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputata ghazlet li ma tixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 65 Noel Said  Dr Micheal Sultana u Mr Jason Zammit** xehdu permezz ta’ affidavit

**Renzo Pollacco** xehed hekk

Pros: Mela sinjur inti kellek xi inċident tat-traffiku?

Xhud: Iva.

Pros: Meta u fejn ġara?

Xhud: Fid-29 t' April ta' sena 2023, ġara l-ajruport fejn l-uffiċini tal-Air Traffic Services fejn dak id-dipartiment nagħmel parti minnu bħala ħaddiem.

Pros: Tista tispjega l-qorti x'ġara?

Xhud: Dak konna ġo vettura MIA 006 u mort tal-vettura ohra meta s-sinjura Davinia waqqfitni biex ninżel għal vann ieħor u mort biex nitla' fil-vann l-ieħor u kif mort biex nagħlaq il-bieba l-vettura l-oħra saqet u ħaditli jdejja bejn l-istrument li kien imwahhal.

Qorti: L-ohra liem?

Xhud: Is-Sinjura Davinia, il-vettura MIA 006.

Qorti: Il-vettura li inzilt minnha?

Xhud: Iva u tlajt vettura oħra MIA 002 u mort biex nagħlaq il-bieba u l-vettura l-oħra kif saqet ħadet li idejja bejn.

Qorti: L-ohra MIA 006 misjuqa minn min?

Xhud: Minn Davinia Camilleri u haditli idi bl-instrument Marwis li ahna nużawh meta tagħmel ix-xita biex jara l-ilma fuq ir-runway u ħaduli idejja bejn il-bieba u l-istrument.

Qorti: L-istrument li kienet fil-vettura l-oħra?

Xhud: Kien imwaħħal fuq fuq wara tal-vettura l-oħra MIA 006.

Qorti: U x`bieba li kellek x' tip kienet?

Xhud: Il-bieb tal-vettura MIA 002 l-oħra mort biex nagħlaq jien.

Qorti: Sinjur jekk ma tfehmnix mhux ħa nifhem liem bieba qed tghidli bejn l-instrument u l-bieba?

Xhud: Il-bieba tal-MIA 002 fejn kelli idi jiena ghax kont qed naghlaq l-bieba jiena.

Qorti: U l-instrument li kien fuq il-vettura MIA 006 misjuq minn Davinia Camilleri?

Xhud: Iva, u haditli idejja bejn l-istrument u l-bieba inqattgħu in-nervituri kollox u ġejt meħud l-isptar l-emerġenza.

Qorti: Issa x'ġara?

Xhud: Iva mela insofri minnu għax jien subajja tlift ħafna mill-servizz tiegħu. L-index finger ġiet operata minn tliet sigħat u nofs qisu operation ingħqataw in-nervituri u l-arterja.

Qorti: Dawn in-nervituri u arteji fiequ?

Xhud: No.

Pros: Il-persuna li kienet qiegħda ssuq il-vettura tista' tidentifikahielna?

Xhud: Iva.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Xhud: Ghandi ritratti 4 dawn ir-ritratti ta wara l-operation.

Qorti: Min hadhom ir-ritratti?

Xhud: Jiena. U dan iċ-ċertifikat tal-professur.

Qorti: Qiegħed hawn il-professur?

Xhud: Ma nafx.

Pros: Fl-affidavit.

Avu: Ikun qed nghid tajjeb inti u l-imputata kollegi flimkien?

Xhud: Iva.

Avu: Ix-xogħol tagħkom huwa li toħorġu b' dawn il-vannijiet fuq ir-runways biex taraw il-livell tal-ilma fuq ir-runways fhimtek tajjeb?

Xhud: Eżatt.

Avyu: Issa jekk fhimt tajjeb ukoll inti kont fl-MIA 006 bħala-passiġġier filwaqt li hija kienet fl-MIA 006 bħala x-xufier taghha ara hux qed nghid tajjeb illi dawn il-magni. Dawn il-vetturi partikolari dak iż-żmien meta ġara l-inċident għax illum biddluhom wara l-inċident kienu strutturati b'tali mod u manjiera li fuq in-naħa tal-passiġġier fuq wara għandhom dan l-istrument li jisporġi l barra. Dan l-istrument li jisporġi l barra inkun qiegħed ngħid tajjeb li mhuwiex mhux qed jisporġi l barra mal-art, iżda qed jisporgi ma ftit fil-għoli biex ngħid hekk?

Xhud: Fil-gholi għax ma l-kaxxa tal-vann.

Avu: Jekk jiena m'għandix mela ara x'qed nifhem tajjeb ukoll mela illi l-MIA 006 li saqet kien qed isuq l-imputata, Kienet qiegħda twasslek biex inti tmur ġol-mai 002 tajjeb?

Xhud: Iva.

Avu: U ara hux qed ngħid tajjeb ukoll illi l-MIA 006 meta waqfet, waqfet ħafna aktar il-quddiem minn fejn kienet ipparkjata l-MIA 002?

Xhud: Kien l-istess.

Avu: Ara x'qed ngħidlek li ma setax kien l-istess għax kieku inti ma stajtx tiftaħ il-bieba biex toħroġ ħalli tidħol fl-MIA 002 jiġifieri hi saqet ħarira aktar il-quddiem biex ngħid hekk mill-MIA 002 li kienet ipparkjata fuq in-naħa tax-xufier biex inti jkollok spazju biżżejjed ħa tiftaħ il-bieba tal-MIA 006 toħroġ minnha bħala xufier timxi erba' 5 passi lura għal MIA 002 u tiftaħ u mhux tagħlaq il-bieba tal-MIA 002?

Xhud: Jien ftaħt il-bieb dħalt ġol-vann u mort biex nagħlaq u ħaditli idi magħha.

Avu: Mela d-domanda li qed nistaqsi hija din ara x'qed ngħid tajjeb illi l-MIA 006 waqfet aktar il-quddiem minn fejn kienet ipparkjata?

Xhud: Mhux hafna, iva.

Avu: Pero waqfet biżżejjed biex inti tkun tista' tiftaħ il-bieba tal-MIA 006 tagħmel erba' passi lura tiftaħ l-MIA 002 tidħol fiha u tagħlaq il-bieba issa ara qed ngħid tajjeb pero illi, inti qabel ma għalaqt il-bieba harist fil-mera jew insejt li MIA 006 li ħa timxi l-quddiem għandha dil-biċċa tisporġi l`barra li mbagħad laqtitlek il-bieba?

Xhud: Le ma ħaristx fil-mera imma lanqas kien hemm iċ-ċans għax jiena mort biex nagħlaq il-bieba u saqet.

Avu: Pero qed tapprezza l-MIA 006 qiegħda aktar il quddiem minnek,

Xhud: Mhux hafna imma.

Avu: Iva imma l-bieba tal-MIA 002 hija warajha mhux hekk bilfors li qiegħda warajha għax inti ħadet il-bieba intlaqtet b'din il-biċċa tisporġi l`barra fuq in-naħa ta' wara tal-MIA 006 qed niftiehmu?

Xhud: Il-vann l-iehor 2 doors umbaghad il-vann li tlajt fuqu jiena.

Avu: Le qed ngħid qed tistabbilixxi bħala punt illi x-xufier.

Qorti: Din kienet quddiem dik kienet wara dan fetaħ il-bieb fetaħ il-bieb waqt li qed jiftaħ il-bieb qed jgħid u ma nafx x'ġara dik kienet slightly sporġuta u kemm kienet ilha sporġuta minn dejjem sporguta minn dejjem hekk?

XhudL Minn dejjem hekk.

Qorti: Sporġuta inti sinjura taf jekk qatt saqitux qabel dal-vann?

Xhud: Ijaj mela.

Qorti: Kienet sporġuta dan kien qiegħed hemm bil-bidu mal-bieba qed jipprova jagħlaq il-bieb u din għal xi raġuni, laqtitu.

Avu: Iva qed tistabbilixxi bħala stat ta' fatt pero lixxi m'għandhiex viżwali ta' wara dak li qed tistabbilixxi mela dak li qed nistabbilixxi bħala stat ta' fatt li m'għandhiex viżwali ta' wara. U ara hux qed ngħid tajjeb ukoll illi inti għandek 29 sena esperjenza?

Xhud: 25 sena esperjenza.

Avu: Ara hux qed ngħid tajjeb illi fil-verità inti mhux inti l-MIA wara dan l-inċident din il-ħaġa tisporġi fuq in-naħa ta' wara tal-vetturi bidlitha u qegħditha mhux aktar tisporġi iżda qatt?

Xhud: Hemm l-istess strument imma minflok qiegħed fil-ġenb tan-naħa tal-passiġġier issa għamluh fuq wara wara l-inċident u fuq wara l-inċident ukoll inbidlu ħafna affarijiet sar aktar dawl fil-post tal-inċident.

Avu: Ara hux qed nghid tajjeb li qed tfittex l-MIA ghall-kumpless?

Xhud: Iva.

**Ikkunsidrat**

Illi **proper lookout** ifisser li sewwieq irid jiehu in konsiderazzjoni l-vettura tieghu kollha , l-vetturi kollha madwaru u l-passiggieri dehlin u hergin mill-vettura tieghu, Fil-kas in desamina, in nuqqas ta’ Davinia Camiller kien fi grad ta nuqqas ta’ hsieb peress li ma ghamlitx dak kollhu li

setghet taghmel u cio tizgura li Renzo Pollacco ma jigiex midrub minn sporgenza li l-istess Davinia Camilleri kienet taf biha . Bhekk tirrizulta l-imputazzjoni fil-konfront taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 226(1)(a) tal-Kap 9 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta  issib lil Davinia Camilleri hatja tal-imputazzjoniji fil-konfront taghha u tikkundannha ghal  multa ta'elf (1000) u ghaxar (10 )punti mill-licenzji taghha  tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**